MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2012

Numru 1229/2011

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

David Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' l-identita' numru 42873M, akkuzat talli:

1. nhar it-12 ta' Ottubru 2011, f'xi hin bejn il-11:00a.m. u t-01:00p.m. minn gewwa l-fond bl-isem *Sound Machine* li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, ikkommetta serq ta' oggett elettroniku (*Samsung Notebook*), liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-232.94 Ewro izda mhux izjed minn 2,329.37

Ewro, u bil-persuna u dan ghad-detriment ta’ Eman Castagna u/jew persuna jew persuni ohra.
2. bejn l-1 ta’ Settembru 2011 u l-11 ta’ Ottubru 2011, f’xi hin matul il-gurnata minn gewwa l-fond bl-isem *Sound Machine* li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, ikkommetta serq ta’ oggett elettroniku (*Samsung Notebook*), liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-232.94 Ewro, izda mhux izjed minn 2,329.37 Ewro, u bil-persuna u dan ghad-detriment ta’ Eman Castagna u/jew persuna jew persuni ohra.
3. rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu mixli b’serq ta’ zewg “samsung notebook”. Apparti l-ammissjoni volontarja tieghu hemm l-istqarrija debitament mehuda, li fiha spjega s-serq. Billi l-imputat kien impjegat fil-hanut minn fejn insterqu l-oggetti in kwistjoni s-serq hu aggravat apparti l-valur ukoll bil-persuna. Dwar ir-recidiva din tirrizulta bl-ammissjoni tal-imputat.

Tiddikjara u ssib l-imputat hati.

Rat l-Artikolu 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280(1), 18, 31, 49, 50 tal-Kap 9. Temmen li fic-cirkostanzi anka billi r-rifurtiva giet irkuprata sentenza ta’ prigunerija mhiex l-aktar adatta ghac-cirkostanzi. Ghaldaqstant u wara li rat ir-relazzjoni tal-ufficjal tal-probation nominat tiddeciedi li tpoggi l-imputat taht ordni li jwettaq xoghol fil-kommunita’

ta’ mitt siegha kombinat ma’ ordni ta’ probation skond u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------